MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 1652/2001/1

**Savemart Company Limited u David Inglott**

**v.**

**Michael Debono**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell, interpost mill-konvenut Michael Debono, minn sentenza tal- Prim Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta’

Dicembru 2006 li biha dik il-Qorti fl-ewwel lok laqghet l-ewwel ecezzjoni tal-konvenut u ddikjarat li l-attur David Inglott m'ghandu ebda 'locus standi' fil-kawza u fit-tieni lok cahdet l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut u fit-tielet lok laqghet it-talbiet attrici kwantu dawn jirrigwardaw is-socjeta` attrici biss u b'hekk ddikjarat li l-konvenut hu debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' dsatax-il elf sitt mija tlieta u ghoxrin lira maltin u sitta u disghin centezmu (Lm19,623.96), illum €45,711.53, u dana bl-imghaxxijiet legali u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut ad eccezzjoni tal-ispejjez tal-attur personalment li ghandhom jithallsu mill-istess attur personalment.

L-atturi kienu pprezentaw citazzjoni fejn ippremettew li:
"Peress illi s-socjeta` attrici hija l-propjetarja tal-fond konsistenti f'supermarket li jinsab f'San Gwann, Naxxar Road bla numru imsemmi SAVEMART BUILDING, mibni fuq erba' sulari, flimkien ma' store b'isem KAIUS, liema fond flimkien mal-avvjament gie mikri lis-socjeta` konvenuta[1] MA Supermarkets Ltd. permezz ta' kuntratt pubbliku tas-7 ta' Awwissu 1998 fl-atti tan-Nutar Dr Victor Bisazza - Dok. A;

"Peress illi permezz ta' skrittura privata datata 15 ta' Settembru 1999, s-socjeta` MA Supermarkets Ltd. kienet obbligat ruhha illi thallas hi l-kontijiet tad-dawl u tat-telefon in konessjoni mal-fondi lilha mikrija ai termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni hawn fuq imsemmi - Dok B;

"Peress illi l-konvenut fil-kapacita` tieghu personali kien deher fuq l-imsemmija skrittura privata (Dok. B) u kien irratifika l-obbligazzjonijiet assunti mis-socjeta` MA Supermarkets Ltd. u ddikjara illi in solidum mas-socjeta` MA Supermarkets qieghed jiggarantixxi l-istess obbligazzjonijiet;

"Peress illi b'kollox l-kontijiet tad-dawl, ilma u telefon pendenti in konessjoni mal-fondi imsemmija fid-Dok A. jammontaw ghas-somma ta' dsatax-il elf sitt mija tlieta u ghoxrin lira maltin u sitta u disghin centezmu

[1] Il-kelma "konvenuta" mhix korretta peress li konveut huwa biss Michael Debono.

(Lm19,623.96) u dana skond ma jirrizulta mid-dokumenti hawn esebiti u markati Dok. C sa K;

“Peress illi ghalkemm debitament interpellat sabiex ihallas il-konvenut pero` baqa’ inadempjenti;

“Peress illi dan id-debitu u cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici, l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti u ghalhekk il-kawza tista’ tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;”

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex:
“(1) taqta’ u tiddecidi il-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza; (2) tiddikjara lill-konvenut bhala debitur tal-atturi jew minnhom fis-somma ta’ (Lm19,623.96) dsatax-il elf sitt mija tlieta u ghoxrin lira Maltin u sitta u disghin centezmu; (3) tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi jew min minnhom s-somma ta’ (Lm19,623.96) dsatax-il elf sitt mija tlieta u ghoxrin lira maltin u sitta u disghin centezmu kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

“Bl-imghax u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-12 ta’ Ottubru 2001 u tal-mandati ta’ qbid u ta’ inibizzjoni pprezentati kontestwalment mal-prezenti kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni tieghu. B’riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi naxxenti mill-kuntratt ta’ lokazzjoni tas-7 ta’ Awwissu 1998;”

Il-konvenut ipprezenta nota tal-eccezzjonijiet (fol. 26) fejn eccepixxa li:-
“1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u m’ghandu jaghti ebda ammont kif mitlub stante li, in linea preliminari l-attur David Inglott m’ghandu ebda ‘locus standi’ fil-kawza billi skond il-premessi tal-istess atturi il-bazi tal-kawza hija l-iskrittura datata 15 ta’ Settembru 1999, f’liema skrittura l-attur David Inglott m’huwiex parti imma jidher biss ghan-nom ta’ Savemart Co Ltd;

"2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghal-premess, mid-dokument esebit mill-istess atturi jidher li uhud minn dawn il-kontijiet la huma indirizzati u lanqas isejjhu lill-attur Savemart Company Limited;

"3. Illi subordinaratament u bla pregudizzju ghall-premess, hemm kont (dok. F) li mhuwiex relatat mat-talbiet attrici u kwindi estraneju ghall-kaz;

"4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess l-iskrittura titkellem dwar indennizz u ghalhekk sakemm l-atturi ma jippruvawx li sofrew xi danni m'ghandhom ebda talba kontra l-esponenti;

"5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

**Decizjoni tal-ewwel Qorti**

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, hlief l-ewwel wahda, u laqghet it-talbiet attrici.

Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha.
"Din il-kawza qed issir minn David Inglott personalment u s-socjeta` kummercjali Savemart Company Limited kontra Michael Debono;

"L-atturi jippremettu li s-socjeta` attrici hi propjetarja tal-fond Savemart Building konsistenti f'supermarket li jinsab f'Naxxar Road, San Gwann u fi store b'isem Kaius. Il-fond kollu gie mikri lis-socjeta` MA Supermarkets Ltd. permezz ta' kuntratt pubbliku tas-7 ta' Awwissu 1998 fl-atti tan-Nutar Dr Victor Bisazza. L-atturi jghamlu referenza ghall-skrittura tal-15 ta' Settembru 1999 li biha l-imsemmija socjeta` MA Supermarkets Ltd. obbligat ruhha li thallas hi l-kontijiet tad-dawl u tat-telefon in konessjoni mal-msemmi fond. Inoltre l-konvenut personalment irratifika l-obbligazzjonijiet assunti mill-istess socjeta` MA Supermarkets Ltd. u ggarantixxa in solidum mal-istess socjeta` l-istess obbligazzjonijiet. L-atturi jippremettu ukoll li b'kollox l-kontijiet tad-dawl, ilma u telefon pendenti in konessjoni mal-istess fond jammontaw ghas-somma ta'

dsatax-il elf sitt mija tlieta u ghoxrin lira maltin u sitta u disghin centezmu (Lm19623.96). Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-konvenut hu debitur tal-atturi, jew minnhom, fl-imsemmija somma u konsegwentement li l-konvenut jigi kudannat ihallas l-istess somma;

“Jirrizulta li l-attur David Inglott hu azzjonista u direttur tas-socjeta` attrici. L-istess David Inglott fid-dikjarazzjoni prodotta mac-citazzjoni ikkonfema li meta saret il-lokazzjoni in kwestjoni l-meter tad-dawl u l-ilma u t-telefon ma gewx trasferiti fuq l-isem l-imsemmija socjeta` MA Supermarkets, li kienet qed tikri l-istess fond. Ghalhekk giet iffirmata l-imsemmij skrittua fejn, fost affarijiet ohra, il-konvenut Michael Debono personalment iggarantixxa il-hlas tal-kontijiet tad-dawl, ilma u telefon relattivi ghal fond kollu li kien gie mikri;

“Mill-provi jirrizulta li l-fond kollu in kwestjoni kien gie mikri lill-imsemmija socjeta` M.A. Supermarkets Limited permezz tal-att pubbliku li ghalih gia saret referenza. Ic-cwievet tal-istess fond gew ritornati lis-sidien fl-1 ta’ Awwissu 2001 u dana wara li kienu saru xi proceduri fil-Qorti. Il-fond gie mikri bl-avvjament. Jirrizulta ukoll li fil-fond in kwestjoni kien hemm erba (4) linji tat-telefon nin-numri 377154, 371627, 382791, u 371806. Il-fond kollu jirrizulta li jkkonsisti in effett minn tlett fondi u li fih hemm hames (5) meters tal-ilma u elettriku. Meta l-pussess tal-fond kollu gie ritornat lis-sidien, cioe` lis-socjeta` attrici, irrizulta li kien hemm kontijiet tat-telefon, tal-ilma u tal-elettriku li kienu ghadhom mhux imhallsin. Jirrizulta li komplessivament dawn il-kontijiet kollha kienu jammontaw ghas-somma indikata fic-citazzjoni u cioe` s-somma ta’ dsatax-il elf sitt mija tlieta u ghoxrin lira maltin u sitta u disghin centezmu (Lm19623.96). Jidher li dan l-ammont ghadu sallum ma thallax;

“L-attur ikkonferma li l-kawza qed issir ukoll minnu personalment peress illi xi whud mill-kontijiet in kwestjoni huma f’isem l-istess attur personalment kif ukoll f’isem terzi, bhal ma huma sidien precedenti tal-fond jew fondi in kwestjoni;

“Din il-kawza qed ssir a bazi tal-imsemmija skrittura tal-15 ta’ Dicembru 1999. Il-partijiet fuq din l-iskrittura huma s-socjeta` attrici u l-konvenut li deher kemm f’ismu personali kif ukoll ghan-nom tas-socjeta` li kienet hadet b’lokazzjoni il-fond in kwestjoni. L-attur personalment ma kienx parti f’dik l-istess skrittura. Ghalhekk hi fondata l-eccezzjoni tal-konvenut li l-attur personalment m’ghandux “locus standi” f’din il-kawza. Ma hemmx dubju pero` li hemm relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut u dana a bazi tal-istess skrittura ta’ Dicembru 1999;

“Hu minnu li jirrizulta li uhud mill-kontijiet in kwestjoni huma mahrugin fuq isem terzi u cioe` mhux mahrugin la fuq isem is-socjeta` attrici u lanqas fuq isem il-konvenut. Ma hemmx dubju pero` li dawn il-kontijiet kollha jirreferu ghal fond in kwestjoni u cioe` ghal-linji tat-telefon li kien hemm fil-fond in kwestjoni u ghall-meters tad-dawl u ilma li hemm fl-istess fond in kwestjoni;

“Lanqas ma hemm dubju li dawn il-kontijiet jirreferu ghal periodu meta s-socjeta` li hadet il-fond b’lokazzjoni kienet qed topera u tinnegozja mill-istess fond. Ma hemmx dubju ghalhekk li hi r-responsabbilita` ta’ din l-istess socjeta` li thallas dawn il-kontijiet kollha;

“Jirrizulta sufficjentement pruvat ukoll li l-arretrati komplessivament dovuti mis-socjeta` li kienet iggestixxi n-negozju taghha fil-fond in kwestjoni ghar-rigward tat-telefon, ilma u elettriku jammontaw ghall-ammont indikat fic-citazzjoni u cioe` s-somma ta’ dsatax-il elf sitt mija tlieta u ghoxrin lira maltin u sitta u disghin centezmu (Lm19623.96). Is-socjeta` attrici qed tippretendi li l-konvenut personalment, a bazi tal-imsemmija skrittura tal-15 ta’ Dicembru 1999, iggarantixxa l-hlas ta’ dawn il-kontijiet;

“Dwar din l-iskritura l-konvenut jghid li r-responsabbilita` tieghu naxxenti mill-istess skrittura tirrelata biss ghal kontijiet pendenti sad-data tal-istess skrittura. In effett il-kovenut sostna li l-kontijiet kollha sad-data tal-iskrittura huwa hallashom. Il-konvenut pero` naqas li jipproduci r-ricevuti relattivi. Hu qal li l-karti kollha jinsabu ghand il-

likwidatur u li ghalhekk m'ghandux access ghalihom. F'dan il-konvenut mhux attendibbli peress li seta facilment ipprokura kopja fotstatika tar-ricevuti jekk veru qeghdin ghand il-likwidatur. Seta ukoll jipproduci lill-istess likwidatur jew il-kotba li jistghu jindikaw li dawn il-kontijiet thallsu. Seta' pproducja rapprezentanti tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jigi konfermat dak li allega il-konvenut;

"Il-konvenut inoltre kkonferma li l-kontijiet ghar-rigward tal-periodu wara d-data tal-iskrittura nhux imhallsin. Kif gia` gie rilevat l-istess konvenut isostni li huwa mhux responsabbli ghal dawn il-kontijiet peress li jirreferu ghal zminijiet wara id-data tal-iskrittura. Il-konvenut qal ukoll li huwa ffirma l-iskrittura in kwestjoni minghajr ma qara l-istess skrittura. Huwa jghid li qabad u ffirma;

"Is-socjeta` attrici teskludi li fl-iskrittura in kwestjoni r-referenza hi biss ghall-arretrati li kienu dovuti sad-data tal-istess skrittura. Id-direttur tas-socjeta` attrici kkoferma ukoll l-intenzjoni kienet li l-konvenut personalmet jidhol responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma u tat-telofon u dana sakemm l-istess kontijiet iduru fuq ismu jew fuq isem is-socjeta` minnu rapprezentata u li kienet qed tikri l-fond in kwestjoni;

"Jigi rilevat li l-lokazzjoni in kwestjoni giet terminata u c-cwievet gew ritornati lis-socjeta` atrici.

"F'dan l-istadju hu necessarju li tigi esaminata fid-dettall l-iskrittura in kwestjoni;

"L-iskrittura tghid testwalment – "M**ichael Debono declares himself responsible for any debts and or charges incurred or to be incurred in the above mentioned accounts, until such time as these are tranferred under his direct responsibility with the concerned operators. Michael Debono undertakes to indemnify David Inglott in connection with any claims that may arise with the above mentioned accounts";**

"Ma hemmx dubju li dan il-ftehim ma jirrigwardax biss l-arretrati li kienu dovuti sal gurnata li fiha giet iffirmata l-

iskrittura in kwestjoni. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-atturi, kif kontenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, li l-konvenut intrabat li jkun responsabbli ghall-kwalsiasi dejn illi l-attur jigu esposti ghalih in konnessejoni mal-kontijiet inkwistjoni. Taqbel ukoll li l-konvenut personalment iggarantixa id-dejn tas-socjeta` tieghu in kwestjoni u li huwa ntrabat illi jhallas il-kontijiet in kwistjoni hekk kif l-atturi jigu esposti ghad-dejn. Jidher ghalhekk li s-socjeta` attrici, fi kwalunkwe kaz, ghandha l-jedd li titlob l-hals tal-kontijiet in kwisjtoni da parti tal-konvenut personalment;

"In vista tal-premess l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi akkolta u b'hekk ghandu jigi dikjarat li l-attur propio ma ghandu l-ebda locus standi f'din il-kawza. L-eccezzjonijiet l-ohra kolha tal-konvenut ghandhom jigu rigettati u konsegwentement it-talbiet attrici kwantu jrrigwarda s-socjeta` attrici biss ghandhom jigu akkolti fil-konfront tal-konvenut;"

**Rikors tal-appell tal-konvenut**

Il-konvenut hassu aggaravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b'rikors prezentat fit-3 ta' Jannar 2007.

L-appellant qed jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-principji legali ta' garanzija u principji legali ohra u kkundannatu jhallas il-kontijiet nonostante li dawn ma kienux kollha dovuti mis-socjeta` Savemart Company Limited. Aggravju iehor tal-appellant hu, in succint, li skond l-iskrittura tas-7 ta' Awwissu 1998 imkien m'hemm imsemmi li s-socjeta` M.A.Supermarkets Ltd kellha thallas ghal dawn il-kontijiet, u li hu kien intrabat personalment biss ghall-pagament tal-kontijiet li kienu dovuti sad-data tal-iskrittura tal-15 ta' Settembru 1999. L-appellant ighid ukoll li billi kien hemm aktar minn meter wiehed fl-istess fond ossija fis-Supermarket, kien ghalhekk illegali ghal M.A.Supermarkets Ltd. li titrasferixxi aktar minn kont wiehed. L-obbligu ta' M.A.Supermarkets

Ltd ma setghax javvera ruhu minhabba l-azzjoni ta' Savemart Co.Ltd. u ta' terzi.

Fl-ahharnett l-appellant hassu aggravvat bis-sentenza surreferita billi skond l-iskrittura tal 15 ta' Settembru 1999 kellu jkun hemm indennizz dment li l-appellati jkunu sofrew xi danni izda f'dan il-kaz ma kienu se jittiehdu ebda passi kontra Savemart Co. Ltd billi whud mill-kontijiet imsemmija kienu indirizzati lil terzi u mhux lis-socjeta` Savemart.

**<u>Risposta tal-appellati Savemart Company Limited u David Inglott</u>**

L-appellati wiegbu li f'dan l-istadju l-appellant ma jistax izied ma' l-eccezzjonijiet li huwa kien ressaq quddiem l-ewwel Qorti. Ghalhekk hu ma jistax issa jipprova jattakka l-validita` tal-iskrittura tal-15 ta' Settembru 1999 b'semplici sottomissjoni fl-istadju tal-appell.

Fil-mertu l-appellati jghidu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata. Il-kontijiet li ntalbu li jithallsu kellhom x'jaqsmu mal-fond mikri u l-appellant kien assuma r-responsabbilita` personalment li jhallashom sakemm dawn jinqalbu fuq is-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd.

**<u>Fatti ta' dina l-kawza</u>**

Permezz ta' kuntratt tas-7 ta' Awwissu 1998 fl-atti tan-Nutar Dr. Victor Bisazza (fol. 6), is-socjeta` attrici kriet lis-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd il-fond ossija supermarket li jinsab f'San Gwann, Naxxar Road bla numru msemmi SAVEMART BUILDING bl-avvjament b'kollox. Bi skrittura privata datata 15 ta' Settembru 1999 (ara fol. 12), Michael Debono, fil-kapacita` personali tieghu, assuma r-responsabbilita` ghall-hlas tal-kontijiet tad-dawl, ilma u telefon in konnessjoni mal-fond mikri lis-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd. Sussegwentement meta l-kuntratt ta' lokazzjoni gie terminat b'sentenza tal-Qorti tal 21 ta' Gunju 2001 u l-fond gie rilaxxjat kienu baqghu pendenti

diversi kontijiet tad-dawl, ilma u telefon li jlahhqu ghas-somma ta' Lm19,623.96 li l-konvenut naqas milli jhallas.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Bhala aggravji, l-appellant ressaq l-istess eccezzjonijiet li hu kien ipprezenta quddiem l-ewwel Qorti, hlief li f'dina l-istanza qed jikkontesta ukoll il-validita` tal-iskrittura tal-15 ta' Settembru 1999. L-appellati oggezzjonaw ghal dan u qed isostnu li f'dan l-istadju, l-appellant ma jistax izid ma' l-eccezzjonijiet li huwa kien ressaq quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk ma jistax jattakka l-iskrittura b'semplici sottomissjoni, fl-istadju tal-appell, li l-ftehim kien vizjat minhabba l-illegalita`.

L-eccezzjonijiet tal-konvenut quddiem l-ewwel Qorti kienu fis-sens li David Inglott ma kellux 'locus standi'. Dina l-eccezzjoni giet milqugha mill-ewwel Qorti. Subordinatament eccepixxa li mid-dokument esebit jidher li uhud mill-kontijiet la huma indirizzati u lanqas isejhu lil Savemart Company Limited. It-tielet eccezzjoni kienet li l-kont (Dok. F) mhux relatat mat-talbiet attrici; u fl-ahhar nett eccepixxa li l-iskrittura titkellem dwar indennizz u sakemm l-atturi ma jippruvawx li sofrew xi danni m'ghandhom ebda talba kontrih.

Ghalhekk ebda eccezzjoni dwar il-validita` tal-iskrittura tal-15 ta' Settembru 1999 ma kienet nghatat f'din il-kawza in prim istanza, u ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma kellha l-opportunita` li tiddelibera u tiddecidi dwarha. Mhux permess li f'dan l-istadju jittressqu eccezzjonijiet godda. Infatti fis-sentenza moghtija fil-kawza **Vincent Camilleri et v. Gaetano Aquilina**, deciza fis-16 ta' Marzu, 2004 gie ritenut li "*in-nota tal-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difenzjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fic-citazzjoni u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawza meta li stadju tal-provi jkunu maghluq....il-kontro-parti tigi rinfaccata b'linja difenzjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli procedurali.*" Jekk eccezzjoni gdida ma hiex permessa fi stadju inoltrat tal-kawza in prim istanza, *multo magis* is-sottomissjoni li llum qed tigi proposta dwar il-validita` tal-iskrittura

m'ghandha tigi permessa fi stadju tal-appell, anke b'rispett lejn il-garanzija tad-doppio ezame. L-appellant kellu kull opportunita` li jressaq eccezzjoni simili fl-istadju opportun quddiem l-ewwel Qorti, izda dan ma ghamlux.

L-appellant jilmenta ukoll li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-principji legali ta' garanzija u principji legali ohra u kkundannat lill-konvenut ihallas il-kontijiet kollha anke jekk dawn ma kienux dovuti mis-socjeta` Savemart Company Limited. Hu jghid li ma giex pruvat li din is-socjeta` kienet b'xi mod responsabbili ghal hlas ta' xi kontijiet li David Inglott kien responsabbili ghalihom personalment. Id-debitu kien ta' M.A. Supermarkets Ltd lejn Savemart Co.Ltd u dan id-debitu ma jistax jigi estiz ghal David Inglott personalment.

Jirrizulta mill-provi li l-fond Savemart qabel kien jikkonsisti minn diversi fondi separati ta' sidien differenti u imbaghad gew jiffurmati f'fond wiehed. Savemart ghadda imbaghad f'idejn M.A. Supermarkets Ltd izda l-kontijiet tat-telefon, dawl u ilma baqghu johrogu fuq is-sidien ta' qabel u sar ftehim biex dawn jigu trasferiti fuq M.A. Supermarkets Ltd. Ma hemmx dubju li, kif qalet l-ewwel Qorti, dawn il-kontijiet kollha jirreferu ghall-fond in kwistjoni u ghal-linji tat-telefon, tal-meters tad-dawl u tal-ilma li kien hemm fil-fond Savemart. Inoltre dawn il-kontijiet kienu jirreferu ghal periodu meta s-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd kienet qed topera mill-istess fond. Ghalhekk M.A. Supermarkets Ltd hi responsabli ghall-hlas ta' dawn il-kontijiet kollha.

L-appellati pero` ghamlu dina l-kawza kontra l-appellant personalment billi kien sar ftehim iehor u l-appellant dahal responsabbili ghall-dawn il-kontijiet skond skrittura tal-15 ta' Dicembru 1999 (ara fol. 12).

L-appellant, min-naha l-ohra jsostni li skond l-iskrittura tas-7 ta' Awwissu 1998 imkien m'hemm imsemmi li s-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd kellha thallas ghal dawn il-kontijiet u kull ma kellha thallas kien tal-kera u xejn aktar. Jissottometti wkoll li l-konvenut personalment kien responsabbili biss ghall-pagament tal-kontijiet li kienu

dovuti sad-data tal-iskrittura, cioe` sal-15 ta’ Settembru 1999.

L-iskrittura a fol. 12 saret billi l-meters ma kienux ghadhom registrati fuq isem M.A. Supermarkets Ltd imma fuq il-proprjetarji precedenti u ghalhekk gie miftiehem b’dina l-iskrittura biex l-appellant, li kien direttur ta’ dina s-socjeta` imsemmija, jidhol personalment responsabbili ghall-kontijiet kollha sakemm issir it-*transfer.*

Infatti skond dina l-iskrittura hemm imnizzel li–
*“Michael Debono declares himself responsible for any debts and or charges incurred or to be incurred in the above mentioned accounts, until such time as these are transferred under his direct responsibility with the concerned operators.*

*“Michael Debono in his personal capacity ratifies the company’s obligations and consequently jointly and severally with the company undertakes to honour the company’s obligations”.*

L-intenzjoni kienet li l-appellant jidhol responsabbli ghal-dak li kien dovut mill-kumpanija sakemm il-kontijiet jduru fuq ismu. Jidher car mill-kliem ta’ dina l-iskrittura li l-appellant dahal responsabbli mhux biss sad-data tal-iskrittura cioe` il-15 ta’ Dicembru 1999 imma sakemm iduru l-kontijiet.

L-appellant jirritjeni wkoll li skond dina l-iskrittura l-obbligi ta’ M.A. Supermarkets Ltd lejn Savemart Co.Ltd veru kellhom jintemmu meta jsir it-trasferiment tal-kontijiet lill-M.A. Supermarkets u fil-frattemp l-appellant kellu jidhol responsabbili personalment ghal dawn l-obbligi sad-data tal-iskrittura. Pero` skond l-appellant kien impossibili li jsir dan it-trasferiment tal-linji tat-telefon u tad-dawk u tal-ilma billi 1) kien hemm terzi li fuqhom kienu registrati numru ta’ kontijiet u li dawn il-persuni ma kienux parti fl-iskrittura imsemmija u 2) kien hemm aktar minn meter wiehed fl-istess fond, ossija Supermarket, u kien ghalhekk illegali ghal M.A. Supermarkets Ltd. li titrasferixxi aktar minn kont wiehed. L-obbligu ta’ M.A. Supermarkets Ltd ma setghax

javvera ruhu minhabba l-azzjoni ta’ Savemart Co. Ltd. u ta’ terzi.

Dina l-Qorti diga` spjegat li din sottomissjoni tal-appellant rigward l-allegata illegalita` tal-iskrittura tal 15 ta’ Settmebru 1999 ma tistax’ tigi konsidrata minnha billi hi kwistjoni li ma gietx imqajjma fil-prim istanza. Il-Qorti, pero`, tirrileva li l-appellant ma gab l-ebda prova li dawn il-kontijiet ma setghux iduru fuq il-kumpanija li taghha hu kien direttur. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li David Inglott kien ipprova diversi drabi jiltaqa’ ma’ l-appellant biex jissettilja dina l-kwistjoni dwar it-*transfer* tal-kontijiet minn fuq isem Savemart ghall fuq M.A. Supermarkets Ltd, izda jghid li l-appellant ma kienx izomm l-appuntamenti. Jigi notat li l-appellant kellu wkoll problemi ta’ likwidita` u stqarr li l-pagamenti ma kienux qed isiru billi l-kumpanija kienet nieqsa minn flus likwidi. L-ewwel Qorti lanqas ma emmnet lill-appellant li hu kien hallas xi kontijiet u arretrati u rrimarkat li l-konvenut naqas li jipproduci r-ricevuti relattivi. Ghalkemm l-appellant kien qal li l-karti kollha jinsabu ghand il-likwidatur u li ghalhekk m’ghandux access ghalihom, hu seta’ facilment ipprokura kopja fotostatika tar-ricevuti jekk veru kienu qeghdin ghand il-likwidatur.

Skond l-appellant l-iskrittura tal 15 ta’ Settembru 1999 titkellem dwar indennizz u ghalhekk sakemm l-appellati ma jippruvawx li sofrew xi danni, huma m’ghandhom ebda talba kontra tieghu. Ighid li fil-fatt ma kienu se jiehdu l-ebda passi kontra Savemart Co. Ltd dwar il-kontijiet imsemmija billi uhud minnhom kienu indirizzati lil terzi u mhux lis-socjeta` Savemart.

Issa, skond l-iskrittura imsemmija gie miftiehem li:
*“Michael Debono declares himself responsible for any debts and or charges incurred or to be incurred in the above mentioned accounts, until such time as these are transferred under his direct responsibility with the concerned operators.*

*"Michael Debono undertakes to indemnify David Inglott in connection with any claims that may arise with the above mentioned accounts."*

Skond dina l-iskrittura l-appellant kien obbliga ruhhu li meta issir *claim* lill-appellati *that may arise with the above mentioned accounts* jew ghall *any debts and or charges incurred or to be incurred in the above mentioned accounts* l-appellant kellu jidhol responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet relattivi meta l-appellati jigu hekk esposti skond l-imsemmija skrittura minghajr il-bzonn li l-appellati l-ewwel ihallsu l-kontijiet imbaghad jitolbu lura l-flus minghand l-appellant. Hawn m'hijiex kwistjoni ta' kumpens imma ta' hlas ta' kontijiet li l-appellant kien intrabat li jhallas. Jirrizulta ghalhekk li l-appellant personalment intrabat li jkun responsabbli ghall-kwalsiasi dejn illi l-appellati jigu esposti ghalih in konnessjoni ma' dawn il-kontijiet.

Ghalhekk wara li din il-Qorti ezaminat il-provi u x-xhieda li gew prodotti f'din il-kawza taqbel mal-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti u qeghdha tichad l-aggravji kollha tal-appellant billi hija tal-fehma li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti tal-15 ta' Dicembru 2006; bl-ispejjez tal-ewwel istanza kif deciz mill-ewwel Qorti, l-ispejjez ta' dana l-appell ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------